**FIT - TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR**

**Ġudikatur: Dr Phyllis Aquilina LL.M. (Lond.), LL.D.**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta 10 ta' Lulju, 2018.**

**Talba Nru: 147/2018PA**

**GO plc**

**vs**

**Pierre Mifsud**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviż tat-Talba preżentat fis-17 ta' April 2018 li permezz tiegħu s-soċjeta' attriċi talbet li dan it-Tribunal jikkundanna lill-konvenut iħallasha s-somma ta' elf mitejn u sitta u erbgħin Ewro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€1,246.37ċ) dovuta in konnessjoni ma' servizzi migbura fil-kont numru 40161118, wara li l-konvenut baqa' ma ħallasx minkejja d-diversi interpellanzi tas-soċjeta' attriċi. Is-soċjeta' attriċi talbet li l-konvenut jiġi kundannat iħallas ukoll l-ispejjeż, inkluż dawk tal-ittra uffiċjali numru 1235/15, u l-imgħax legali mill-5 ta' Awissu 2015 meta ġiet notifikata lilu l-imsemmija ittra uffiċjali.

Ra d-dokumenti ppreżentati mis-soċjeta' attriċi mal-Avviż tat-Talba, senjatament (i) prospett tal-ħlasijiet mitluba fuq il-kontijiet mertu ta' din il-kawża (Dok. A, fol. 2); (ii) kopja tal-kuntratt li l-konvenut kellu mas-soċjeta' attriċi (Dok. B1 sa B3, fol. 3 sa 5); u (iii) estratt mir-Reġistru Elettorali li juri l-indirizz dikjarat tal-konvenut (Dok. C, fol. 6).

Ra r-Risposta tal-konvenut li permezz tagħha eċċepixxa li (i) it-talbiet attriċi ħuma preskritti skond l-art. 2156(f) tal-Kodiċi Ċivili; u (ii) fil-mertu, it-talbiet attriċi ħuma infondati fil-fatt u fid-dritt u għandhom jiġu miċħuda, billi l-ammont mitlub mħux dovut.

Ra li fl-udjenza tat-22 ta' Mejju 2018, Mayanne Camilleri għas-soċjeta' attriċi ddikjarat bil-ġurament li l-konvenut għadu debitur tas-soċjeta' attriċi fis-somma mitluba, u għar-raġunijiet indikati, f'din il-kawża.

Ra li l-konvenut naqas li jidher quddiem it-Tribunal fiż-żewġ udjenzi mħollija għall-provi tal-partijiet, fit-22 ta' Mejju 2018 u fid-19 ta' Ġunju 2018 rispettivament, u lanqas deher ħadd għalih, mingħajr ma ingħatat ebda raġuni għal dan in-nuqqas tal-konvenut.

Ra li, minħabba f'hekk, fl-udjenza tad-19 ta' Ġunju 2018, it-Tribunal iddikjara magħluq l-istadju tal-provi.

Jidhirlu li t-talba tas-soċjeta' attriċi tirriżulta pruvata, fuq bilanċ ta' probabiltajiet, fin-nuqqas ta' prova kuntrarja mill-konvenut in sostenn tal-eċċezzjonijiet imressqa minnu fir-Risposta.

Għaldaqstant, it-Tribunal jaqta' u jiddeċiedi din l-azzjoni billi jilqa' t-talba attriċi, u konsegwentement jikkundanna lill-konvenut iħallasha s-somma ta' elf mitejn u sitta u erbgħin Ewro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€1,246.37ċ), bl-imgħax u bl-ispejjeż kif mitluba fl-Avviż tat-Talba.

**Avukat Phyllis Aquilina LL.M. (Lond.), LL.D.**

**ĠUDIKATUR**